# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 22 ta' Jannar 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Victor Sammut**

**Kumpilazzjoni Nru: 476/2017**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Victor Sammut detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 610256M.

Akkuzat talli nhar il-21 ta' Marzu, 2017 ghal habta ta' l-erbgha neqsin kwart ta' wara nofsinhar (15:45hrs) gewwa l-Imtahleb l/o Rabat, Malta:-

1. Ikkommetta serq (ghasafar) bil-valur ta' madwar mija u sitta u tletin Euro (Euro 136) ghad-dannu ta' Joseph Camilleri u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezzi, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261 (b), 264, u 278 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imuputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min naha  n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali netta tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-ghasafar derubati gew ritornati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti,  wara li rat l-artikoli 261(b) u 264  tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**